



Brussell, 24 ta' Jannar 2022
(OR. en)

5508/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0371(NLE)

SCH-EVAL 5
DATAPROTECT 10
COMIX 31

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	5507/21
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2021 tal- Liechtenstein dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- protezzjoni tad-data

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettaq evalwazzjoni tal-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data mil-Liechtenstein fl-2021.
2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Liechtenstein japplika b'mod korrett u effettiv ir-regoli kollha ta' Schengen relatati mal-protezzjoni tad-data.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen, inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fit-12 ta' Jannar 2022.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 5507/22, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
